Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,678, 26 ta' Novembru, 2010
Taqsima B

A.L. 497 tal-2010

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti tal-2010 dwar Stima Ambjentali Strateġika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Taqsima I

Preliminari

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Stima Ambjentali Strateġika.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista', b'avviz fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal finijiet differenti u għal dispożizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Għanijiet.

2. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jipprovdi għal livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent, u li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli, billi jiġi żgurat li, skont dawn ir-regolamenti, titwettaq stima ambjentali strateġika dwar ċertu pjanijiet u programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent.

(2) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta' ċertu pjanijiet u programmi fuq l-ambjent.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

Kap. 435.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent;

"awtorità kompetenti" tfisser il-Punt Fokali dwar Stima Ambjentali Strateġika, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Punt Fokali SEA", imwaqqaf skont ir-regolament 15;

"awtorità responsabbli", fir-rigward ta' pjan jew programm, tfisser l-awtorità li permezz tagħha jew f'isimha, jiġi ppreparat kull

pjan jew programm. Awtorità responsabbli għandha ma tibqax responsabbli legalment għall-pjan jew programm tagħha f'dak iż-żmien li awtorità reponsabbli ġdida taċċetta r-responsabbiltà formali bil-miktub.

Meta aktar minn awtorità responsabbli waħda tkun responsabbli għal pjan jew programm, jew partijiet minnu, l-awtorità responsabbli għandha tkun:

(a) l-awtorità nominata bi ftehim bejn l-awtoritajiet responsabbli għal dak il-pjan jew programm; jew

(b) determinata mill-Punt Fokali SEA, jekk ma jkunx hemm ftehim bħal dak;

"pjanijiet u programmi" tfisser pjanijiet u programmi, inklużi dawk kofinanzjati mill-Komunità Ewropea, kif ukoll xi modifiki li jsirulhom:

(a) li huma suġġetti għall-preparazzjoni u, jew adozzjoni minn xi awtorità fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali jew li jkunu preparati minn xi awtorità għall-adozzjoni, permezz ta' proċedura leġislattiva mill-Parlament jew mill-Gvern, u

(b) li huma meħtieġa minn disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi;

"il-pubbliku" tfisser persuna naturali jew legali waħda jew aktar u, skont il-leġislazzjoni nazzjonali jew il-prattika, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom;

"rapport ambjentali" tfisser il-parti tal-pjan jew dokumentazzjoni tal-programm li fihom l-informazzjoni meħtieġa fir-regolament 6 u fl-iSkeda I;

"sar disponibbli għall-pubbliku" tfisser il-publikazzjoni fil-Gazzetta jew inkella f'ta' l-inqas gazzetta waħda li toħroġ kuljum bil-lingwa Ingliża u bil-lingwa Maltija, ta' avviż li jindika fejn wieħed jista' jara jew jikseb id-dokument; il-prezz tal-imsemmi dokument m'għandux jeċċedi l-ispiża tal-istampar u d-distribuzzjoni tiegħu;

"stima ambjentali strateġika" tfisser il-preparazzjoni ta' xi rapport ambjentali, it-twettieq ta' konsultazzjonijiet, it-teħid f'konsiderazzjoni tar-rapport ambjentali u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-għoti ta' informazzjoni dwar id-deċiżjoni skont ir-regolamenti 5 sa 10.

(2) Kull terminu ieħor għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilu fl-Att.

Taqsima II

Kondizzjonijiet Ġenerali

Kamp ta' applikazzjoni.

4. (1) Stima ambjentali strateġika, skont ir-regolamenti 5 sa 10, għandha ssir mill-awtorità responsabbli għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fis-subregolamenti (2) sa (4) li x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3), stima ambjentali strateġika għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi kollha li -

(a) huma ppreparati għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-immaniġġjar tal-iskart, l-amministrazzjoni tal-ilma, it-telekomunikazzjonijiet, it-turiżmu, l-ippjanar ta' bliet u l-kampanja jew l-użu tal-art u li jistabilixxu l-qafas għall-kunsens għall-iżvilupp futur ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 85/337/KEE, jew

(b) fid-dawl tal-effett li x'aktarx ikun hemm fuq iż-żoni, ġew stabbiliti li jeħtieġu stima skont l-Artikolu 6 jew 7 tad-Direttiva 92/43/KEE.

(3) Pjanijiet u programmi msemmija fis-subregolament (2) li jistabbilixxu l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u modifiki żgħar għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fis-subregolament (2), ikunu jeħtieġu stima ambjentali strateġika biss meta l-awtorità responsabbli tistabbilixxi li dawn x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

(4) Barra minn dan, l-awtorità responsabbli għandha tiddetermina jekk il-pjanijiet u l-programmi tagħha, minbarra dawk imsemmija fis-subregolament (2), li jistabbilixxu l-qafas għall-kunsens tal-izvilupp futur ta' proġetti, x'aktarx ser ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

(5) L-awtorità responsabbli għandha tiddetermina jekk il-pjanijiet jew il-programmi msemmija fis-subregolamenti (3) u (4) humiex ser ikollhom x'aktarx effetti ambjentali sinifikanti jew billi kull każ jiġi eżaminat jew billi jkunu speċifikati t-tipi ta' pjanijiet u programmi jew billi jkunu kombinati iż-żewġ metodi. Għal dan il-għan l-awtorità responsabbli għandha fil-każijiet kollha tikkunsidra l-kriterji rilevanti stabbiliti fl-iSkeda II, sabiex ikun assigurat li l-pjanijiet u l-programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent ikunu koperti b'dawn ir-regolamenti

(6) Fl-eżami li jsir f'kull każ u meta jkunu speċifikati t-tipi ta' pjanijiet u programmi skont is-subregolament (5), l-awtoritajiet imsemmija fir-regolament 7(3) għandhom ikunu kkonsultati.

(7) L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-konklużjonijiet tagħha skont is-subregolament (5), inklużi r-raġunijiet għaliex ma tintalabx stima ambjentali strateġika skont ir-regolamenti 5 sa 10, jiġu magħmula disponibbli għall-pubbliku, għall-awtoritajiet nominati msemmija fir-regolament 7(3) u għall-awtorità kompetenti.

(8) (a) Bla ħsara għal kull regolament ieħor, l-awtorità kompetenti tista' f'kull żmien titlob awtorità responsabbli f'livell nazzjonali jew lokali biex tippreżenta stqarrija tad-deskrizzjoni tal-pjan jew programm liema stqarrija għandha tipprovdi dettal suffiċjenti biex hi tkun tista' tiddentifika l-effetti li x'aktarx ikollhom fuq l-ambjent, sabiex tkun tista' tiddetermina jekk tkunx meħtieġa stima ambjentali strateġika.

(b) L-awtorità kompetenti għandha, wara li tkun ġiet ppreżentata l-istqarrija tad-deskrizzjoni tal-pjan jew programm mill-awtorità responsabbli fuq livell nazzjonali jew lokali, tindika jekk il-pjan jew programm jkunx jeħtieġ stima ambjentali strateġika.

(ċ) Id-deċiżjoni tal-awtorità komptenti tkun finali.

(9) Il-pjanijiet u l-programmi li ġejjin mhumiex suġġetti għal dawn ir-regolamenti:

(a) il-pjanijiet u l-programmi li l-għan ewlieni tagħhom hu li jservu d-difiża nazzjonali jew l-emerġenza ċivili,

(b) il-pjanijiet u l-programmi finanzjarji jew tal-estimi,

(ċ) il-pjanijiet u l-programmi kofinanzjati taħt il-perjodi ta' programazzjoni kurrenti rispettivi tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 u (KE) Nru 1257/1999.

Obbligi ġenerali.

5. (1) L-istima ambjentali strateġika msemmija fir-regolament 4 għandha ssir waqt il-preparazzjoni ta' pjan jew programm u qabel ma jiġi adottat jew sottomess għall-proċedura leġislattiva.

(2) Meta l-pjanijiet u l-programmi jifformaw parti minn xi ġerarkija, l-awtorità responsabbli għandha, bil-għan li tevita duplikazzjoni tal-istima, tikkunsidra l-fatt li l-istima ser issir, skont dawn ir-regolamenti, f'livelli differenti tal-ġerarkija. Għall-fini li, fost l-oħrajn, ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' stima, l-awtorità responsabbli għandha tapplika r-regolament 6(2) u (3).

Rapport dwar l-ambjent.

6. (1) Meta stima ambjentali strateġika tkun meħtieġa skont ir-regolament 4(1), għandu jiġi ppreparat rapport dwar l-ambjent li fih jiġu identifikati, deskritti u valutati l-effetti sinifikanti li x'aktarx ikun hemm fuq l-ambjent b'konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-pjan jew il-programm, u alternattivi raġjonevoli, billi jkunu kkunsidrati l-għanijiet u l-iskop ġeografiku tal-pjan jew tal-programm. L-informazzjoni li għandha tingħata għal dan il-għan hi msemmija fl-iSkeda I.

(2) Ir-rapport dwar l-ambjent ippreparat bis-saħħa tas-subregolament (1) għandu jinkludi fih l-informazzjoni li tista' tkun mitluba b'mod raġjonevoli meta jkunu kkunsidrati l-għarfien preżenti u l-metodi ta' stima, il-kontenut u l-livelli tad-dettal fil-pjan jew fil-programm, l-istadju tiegħu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u sa fejn ċerti materji jkunu stmati b'mod aktar xieraq fuq livelli differenti f'dak il-proċess sabiex tkun evitata duplikazzjoni tal-istima.

(3) L-informazzjoni rilevanti disponibbli dwar l-effetti fuq l-ambjent tal-pjanijiet u l-programmi u miksuba fuq livelli l-oħra tat-teħid tad-deċiżjonijiet jew permezz ta' leġislazzjoni oħra tista' tintuża biex tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-iSkeda I.

(4) L-awtoritajiet imsemmija fir-regolament 7(3) kif ukoll l-awtorità kompetenti għandhom ikunu kkonsultati meta jkunu qed jiġu deċiżi l-għan u l-livell tad-dettal tal-informazzjoni li għandha tkun inkluża fir-rapport dwar l-ambjent.

Konsultazzjonijiet.

7. (1) L-abbozz tal-pjan jew tal-programm u r-rapport dwar l-ambjent ippreparati skont iur-regolament 6 għandhom ikunu mqiegħda, mill-awtorità responsabbli, għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet imsemmija fis-subregolament (3), tal-awtorità kompetenti u tal-pubbliku.

(2) L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-awtoritajiet imsemmija fis-subregolament (3) u l-pubbliku msemmi fis-subregolament (4) għandhom jingħataw opportunità bikrija u effettiva f'limitu ta' żmien li jkun xieraq sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar l-abbozz tal-pjan jew tal-programm u r-rapport dwar l-ambjent li jkun miegħu qabel ma jiġi adottat il-pjan jew il-programm jew is-sottomissjoni tiegħu għall-proċedura leġislattiva. Kull limitu ta' żmien hawn imsemmi m'għandux ikun iktar minn sittax-il ġimgħa mill-publikazzjoni tal- pjan jew programm u r-rapport dwar l-ambjent tiegħu.

(3 L-awtoritajiet nominati li għandhom ikunu kkonsultati li, minħabba fir-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom, x'aktarx ikunu milquta mill-effetti ambjentali tal-implimentazzjoni

tal-pjanijiet jew tal-programmi, huma dawn li ġejjin:

(a) l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) jew kull entità li tissuċċediha li tkun responsabbli għall-ambjent; u fejn ikun japplika -

(b) l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (MRA) jew kull entità li tissuċċediha li tkun responsabbli għall-ilma, l-enerġija u riżorsi;

(ċ) l-awtorità kompetenti responsabbli għall-agrikoltura;

(d) l-awtorità kompetenti responsabbli għas-sajd;

(e) kull awtorità oħra li hija meqjusa mill-awtorita reponsabbli li tagħti kontribut fil-proċess tal-istima ambjentali strateġika.

(4) L-awtorità responsabbli għandha tagħmel il-pjan jew programm u r-rapport dwar l-ambjent disponibbli b'mod elettroniku u b'format ippublikat għall-wiri mill-uffiċċji tagħha għall-pubbliku għall-finijiet tas-subregolament (2).

(5) Sabiex ikun jista' jiġi milħuq il-pubbliku milqut jew li x'aktarx ikun milqut minn, jew li jkollu interess fi, it-teħid tad-deċiżjoni bla ħsara għal dawn ir-regolamenti, inklużi l-organizzazzjonijiet rilevanti mhux governattivi, bħalma huma dawk li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u organizzazzjonijiet oħra interessati, l-avviż tad-disponibilità tal-pjan jew tal-programm u r-rapport dwar l-ambjent għandu jiġi ppublikat f'ta' l-inqas il-Gazzetta flimkien mad-dettalji speċifiċi ta' fejn id-dokumentazzjoni tkun disponibbli u kif il-kummenti jistgħu jiġu sottomessi u sa liema data.

Konsultazzjoniji et transkonfini.

8. (1) Meta l-awtorità responsabbli tikkonsidra li l-implimentazzjoni ta' xi pjan jew programm li jkun qed jiġi ppreparat għar-rigward tat-territorju tagħha x'aktarx ikollu effetti sinifikant fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor, jew meta xi Stat Membru li x'aktarx ikun milqut b'mod sinifikattiv hekk jitlob, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-pjan jew programm ikun qed jiġi ppreparat għandu, qabel l-adozzjoni tiegħu jew is-sottomissjoni għall-proċedura leġislattiva, jibgħat kopja tal-abbozz tal-pjan jew programm u r-rapport rilevanti dwar l-ambjent lill-Istat Membru l-ieħor fl-istadju l-aktar bikri possibbli.

(2) Meta xi Stat Membru tintbgħatlu kopja tal-abbozz tal-pjan jew programm u rapport dwar l-ambjent skont is-subregolament (1), dan għandu jindika lill-Istat Membru l-ieħor jekk hu jixtieqx li

jagħmel konsultazzjonijiet qabel l-adozzjoni tal-pjan jew tal-programm jew qabel is-sottomissjoni tiegħu għall-proċeduri leġislattivi u, jekk hekk jindika, l-Isati Membri interessati għandhom jagħmlu l-konsultazzjonijiet dwar l-effetti ambjentali transkonfini li x'aktarx ikun hemm bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-pjan jew tal-programm u l-miżuri maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw dawk l-effetti:

Iżda meta jsiru dawn il-konsultazzjonijiet, l-Istati Membri interessati għandhom jaqblu dwar l-arranġamenti ddettaljati biex jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fir-regolament 7(3) u l-pubbliku rilevanti fl-Istat Membru li x'aktarx jkunu milquta b'mod sinifikanti jkunu infurmati u mogħtija l-opportunità li jagħtu l-opinjoni tagħhom fi żmien raġjonevoli.

(3) Meta Stati Membri jkunu mitluba skont dan ir-regolament li jagħmlu konsultazzjonijiet, dawn għandhom jaqblu, fil-bidu ta' dawk il-konsultazzjonijiet, dwar żmien raġjonevoli għall-perjodu li matulu jsiru l-konsultazzjonijiet.

(4) Fil-każ fejn Stat Membru jikkonsulta ma' Malta dwar effetti transkonfini potenzjali, id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1), (2) u (3) għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Teħid tad-deċiżjonijiet.

9. Ir-rapport dwar l-ambjent ippreparat skont ir-regolament 6, l-opinjonijiet espressi skont ir-regolament 7 u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet transkonfini skont ir-regolament 8 għandhom jiġu meqjusa matul il-preparazzjoni tal-pjan jew tal-programm u qabel l-adozzjoni tiegħu jew is-sottomissjoni tiegħu għall-proċedura leġislattiva.

Informazzjoni dwar id-deċiżjoni.

10. (1) L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li, meta xi pjan jew programm ikun adottat, l-awtoritajiet imsemmija fir-regolament 7(3), l-awtorità kompetenti, il-pubbliku u kull Stat Membru kkonsultat skont ir-regolament 8 ikunu infurmati u l-materji li ġejjin jitqiegħdu għad-disposizzjoni ta' dawk li jkunu ġew hekk infurmati dwar:

(a) il-pjan jew il-programm kif adottat;

(b) prospett li jagħti fil-qosor kif il-konsiderazzjonijiet ambjentali ġew integrati fil-pjan jew fil-programm u kif ir-rapport dwar l-ambjent ippreparat skont ir-regolament 6, l-opinjonijiet mogħtija skont ir-regolament 7 u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet li saru skont ir-regolament 8 ġew ikkunsidrati skont ir-regolament 9 u r-raġunijiet għall-għażla tal-pjan jew tal-programm kif adottat, fid-dawl tal-alternattivi raġjonevoli l-oħra li ġew ikkunsidrati, u

(ċ) il-miżuri deċiżi dwar il-monitoraġġ skont ir-regolament 11.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(4) u (5) għandhom japplikaw għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni lokali relatata mas-subregolament (1) filwaqt li l-publikazzjoni tal-informazzjoni tal-iStati Membri l-oħra għandha ssir permezz tal-iStat Membru stess.

(3) L-awtoritajiet responsabbli għandhom jiżguraw illi r-riżultati kollha ta' dawn ir-regolamenti jiġu rraportati lill-awtorità kompetenti minnufih kif jevolvi l-proċess.

Monitoraġġ.

11. (1) L-awtoritajiet responsabbli għandhom iwettqu monitoraġġ fuq l-effetti ambjentali sinifikattivi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet u tral-programmi sabiex, fost l-oħrajn, jidentifikaw fi stadju bikri effetti ħżiena mhux imbassra, u biex ikunu jistgħu jieħdu l-azzjoni ta' rimedju kif xieraq.

(2) Sabiex ikun hemm konformità mas-subregolament (1), l-arranġamenti eżistenti ta' monitoraġġ jistgħu jintużaw, jekk ikun xieraq, bil-għan li tkun evitata duplikazzjoni ta' monitroraġġ.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tibqa' tiġi infurmata dwar ir-riżultat tal-moinitoraġġ li jkun sar.

Relazzjoni ma' leġislazzjoni oħra.

12. (1) Stima ambjentali strateġika magħmula skont dawn ir-regolamenti għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull ħtieġa skont id-Direttiva 85/337/KEE u għal kull ħtieġa oħra leġislattiva.

(2) Fir-rigward ta' pjanijiet u programmi li dwarhom l-obbligu li jsiru stimi tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament minn dawn ir-regolament u minn leġislazzjoni oħra, l-awtorità responsabbli tista' tagħmel disposizzjonijiet għal proċeduri kordinati jew konġunti li jaqblu mal-ħtiġiet tal-leġislazzjoni rilevanti sabiex, fost l-oħrajn, jevitaw duplikazzjoni ta' stimi.

(3) Fir-rigward ta' pjanijiet u programmi kofinanzjati mill-Komunità Ewropea, l-istima ambjentali strateġika skont dawn ir-regolamenti għandha ssir b'konformità mad-disposizzjonijiet speċifiċi fil-leġislazzjoni rilevanti lokali u tal-Komunità.

Informazzjoni, rappurtar u reviżjoni.

13. (1) L-awtorità kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-esperjenza li jkunu kisbu fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li r-rapporti ambjentali huma ta' kwalità tajba biex josservaw il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u l-ispirtu tad-Direttiva 2001/42/KE.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-Kummissjoni kull miżura li tkun ittieħdet fir-rigward tal-kwalità ta' dawn ir-rapporti.

Implimentazzjoni.

14. L-obbligu msemmi fir-regolament 5(1) għandu jgħodd għall-pjanijiet u l-programmi li dwarhom l-ewwel att preparatorju formali jkun sussegwenti għall-21 ta' Lulju, 2004. Il-pjanijiet u l-programmi li dwarhom l-ewwel att preparatorju formali kien qabel din id-data u li jkunu adottati jew sottomessi għall-proċedura leġislattiva aktar minn erbgħa i għoxrin xahar wara dan, għandhom isiru suġġetti għall-obbligu msemmi fir-regolament 5(1) kemm-il darba l-awtorità responsabbli ma tiddeċidix abbażi ta' kull każ li dan ma jkunx possibbli u tinforma lill-pubbliku bid-deċiżjoni tagħha.

Taqsima III

Twaqqif tal-Awtorità Kompetenti

Twaqqif tal-awtorità kompetenti.

15. (1) Għandu jiġi mwaqqaf il-Punt Fokali SEA li jkollu l-kompitu li wettaq superviżjoni fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Punt Fokali SEA għandu jkun magħmul minn *Chairperson* u żewġ membri oħra.

(3) Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Punt Fokali SEA għandhom jiġu maħtura mill-Prim Ministru minn fost persuni li fl-opinjoni tal-Prim Ministru huma persuni ta' integrità magħrufa u li hu jidhirlu li għandhom l-għarfien u l-esperjenza f'materji relatati mal-istima ambjentali strateġika ta' pjanijiet u programmi.

(4) Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Punt Fokali SEA għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' tliet snin u għandhom ikunu eliġibbli biex jiġu maħtura mill-ġdid.

(5) Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Punt Fokali SEA jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Prim Ministru biss għal raġuni ta' negliġenza qawwija, inkompetenza jew atti, omissjonijiet jew kondotta li ma jkunux xierqa li jsiru minn membru tal-Bord.

Funzjonijiet.

16. (1) L-awtorità kompetenti għandu jkollha dawn id-dmirijiet u s-setgħat li ġejjin:

(a) li toħloq kuxjenza dwar l-għan u l-ħtieġa għall-stimi ambjentali strateġiċi;

(b) li tkun infurmata mill-awtorità responsabbli, jew awtoritajiet responsabbli jekk ikun japplika, li qed titwettaq

stima ambjentali strateġika fuq pjan jew programm partikolari;

(ċ) li tkun infurmata mill-awtorità responsabbli, jew awtoritajiet responsabbli, jekk ikun japplika, dwar ir-raġuni għaliex ma tkunx saret stima ambjentali strateġika fuq pjan jew programm;

(d) biex timplimenta b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4(8);

(e) biex tiżgura bl-aħjar li tista' li l-awtorità responsabbli, jew l-awtoritatijiet responsabbli jekk ikun japplika, ikunu ħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u biex tiddokumenta l-proċess li ġie adottat inklużi kull dokumentazzjoni li tappoġġa u kull materjal ta' konsultazzjoni;

(f) biex taġixxi bħala maħżen għall-materjal relatat ma' stima ambjentali strateġika għal pjan jew programm;

(g) biex titlob għal kull informazzjoni li tqis li għandha x'taqsam ma' xi stima ambjentali strateġika minn xi entità inkluża informazzjoni li toħroġ minn deċiżjoni biex issir stima ambjentali strateġika jew le;

(h) biex tkun ta' gwida għall-awtoritajiet responsabbli;

(i) biex tirrappreżenta lill-Malta f'kull *fora* lokali u internazzjonali dwar stimi ambjentali strateġiċi;

(j) biex taġixxi bħala l-Punt Fokali għall-iStati Membri l-oħra li jixtiequ jikkonsultaw ma' Malta f'każijiet ta' effetti transkonfini;

(k) biex tippromwovi l-użu ta' stimi ambjentali strateġiċi f'Malta;

(l) biex tivverifika l-kwalità ta' stimi ambjentali strateġiċi biex tipprovdi kontribut ta' terzi biex tiżgura l-kwalità vera tal-proċess ta' stima ambjentali strateġika.

(2) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tiftiehem li tfisser li l-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' xi stima ambjentali strateġika. Kull stima ambjentali strateġika li tkun meħtieġa li ssir skont it-termini ta' dawn ir-regolamenti għandha taqa' taħt l-awtorità responsabbli.

Taqsima IV

Revoka u Dispożizzjonijiet Transitorji

17. Ir-Regolamenti tal-2005 dwar Stima Ambjentali Strateġika qegħdin b'dawn jiġu revokati, u huma hawnhekk 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti revokati". Revoka tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Stima Ambjentali Strateġika. A.L. 418 tal-2005.

18. (1) Sakemm ir-responsabbiltà hija pprovduta skont dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha tassumi r-responsabbiltà assenjata lit-Tim tal-Verifika SEA taħt ir-regolamenti revokati u għandha tgawdi d-drittijiet u l-benefiċċji kollha li qabel kien igawdi t-Tim tal-Verifika SEA b'effett mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti. Stimi li diġà għaddejjin.

(2) Id-dokumenti u r-riżorsi kollha li kienu proprjetà tat-Tim tal-Verifika SEA għandhom isiru l-proprjetà tal-awtorità kompetenti, mingħajr il-ħtieġa tal-konklużjoni ta' proċeduri legali.

B 5884

SKEDA I

Informazzjoni msemmija fir-regolament 6(1)

L-informazzjoni li għandha tingħata taħt ir-regolament 6(1), bla ħsara għar-regolament 6(2) u (3), hi din li ġejja:

(a) qafas tal-kontenut, l-għanijiet prinċipali tal-pjan jew il-programm u r-relazzjoni ma' pjanijiet u programmi rilevanti oħra;

(b) l-aspetti rilevanti ta' l-istat preżenti tal-ambjent u l-evoluzzjoni li x'aktarx tirriżulta mingħajr l-implimentazzjoni tal-pjan jew tal-programm;

(ċ) il-karatteristiċi ambjentali ta' żoni li x'aktarx ikunu milquta b'mod sinifikanti;

(d) xi problemi ambjentali eżistenti li huma rilevanti għall-pjan jew għall-programm inklużi, b'mod partikolari, dawk li jirreferu għal xi żoni ta' importanza ambjentali partikolari, bħalma huma żoni magħżula bis-saħħa tad-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE;

(e) l-għanijiet tal-protezzjoni tal-ambjent, stabbiliti fil-livell internazzjonali, Ewropew jew nazzjonali, li huma rilevanti għall-pjan jew għall-programm u l-mod li bih dawk l-għanijiet u xi konsiderazzjonijiet ambjentali ġew ikkunsidrati matul il-preparazzjoni tiegħu;

(f) l-effetti sinifikanti li x'aktarx iseħħu fuq l-ambjent, inklużi dwar il-materji bħal fatturi tal-bijodiversità, il-popolazzjoni, is-saħħa umana, il-fawna, il-flora, il-ħamrija, l-ilma, l-arja, il-klima, l-assi materjali, il-wirt kulturali inkluż il-wirt arkitettoniku u arkeoloġiku, il-pajsaġġ u r-relazzjoni bejn il-fatturi hawn fuq imsemmija. Dawn l-effetti għandhom jinkludu l-effetti sekondarji, kumulattivi, ta' sinerġija, fuq medda qasira, medja jew fit-tul. permanenti u temporanji, posittivi u negattivi;

(g) il-miżuri maħsuba biex jipprevjenu, jnaqqsu u kemm jista' jkun jneħħu xi effetti ħżiena sinifikanti fuq l-ambjent bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-pjan jew tal-programm;

(h) qafas tar-raġunijiet għall-għażla tal-alternattivi maħsuba, u deskrizzjoni ta' kif l-istima saret inklużi xi diffikultajiet, bħal ma huma defiċjenzi tekniċi jew nuqqas ta' għerf, li wieħed jiltaqa' magħhom fil-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa;

(i) deskrizzjoni tal-miżuri maħsuba dwar il-monitoraġġ skont ir-regolament 11;

(j) sommarju mhux tekniku tal-informazzjoni mogħtija taħt l-intestaturi ta' hawn fuq.

SKEDA II

Kriterji biex ikunu stabbiliti l-effetti li x'aktarx iseħħu kif imsemmi fir-rRegolament 4(5)

1. Il-karatteristiċi tal-pjanijiet u l-programmi, billi jitqiesu, b'mod partikolari:

(a) il-grad li għalih il-pjan jew il-programm jistabbilixxi qafas għal proġetti u attivitajiet oħra, kemm għar-rigward tal-lok, in-natura, id-daqs u l-kondizzjonijiet operattivi jew billi jkunu allokati r-riżorsi;

(b) il-grad li fih il-pjan jew il-programm jinfluwenza pjanijiet u programmi oħra inklużi dawk fil-ġerarkija;

(ċ) ir-rilevanza tal-pjan jew il-programm għall-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali b'mod partikolari bil-għan li jkun jippromwovi żvilupp sostenibbli;

(d) il -problemi ambjentali rilevanti għall-pjan jew għall-programm; u

(e) ir-rilevanza tal-pjan jew tal-programm għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunitá dwar l-ambjent, bħal ma huma pjanijiet u programmi marbuta mal-immaniġġjar tal-iskart jew il-protezzjoni tal-ilma.

2. Karatteristiċi tal-effetti u taż-żona li x'aktarx tkun milquta, meta jkunu kkunsidrati, b'mod partikolari

(a) il-probabilità, it-tul, il-frekwenza u r-riversibilità tal-effetti;

(b) in-natura kumulattiva tal-effetti;

(ċ) in-natura transkonfini tal-effetti;

(d) ir-riskji għas-saħħa umana jew għall-ambjent (eż. minħabba f'aċċidenti);

(e) il-kobor u l-firxa spazjali tal-effetti (żona ġeografika u d-daqs tal-popolazzjoni li x'aktarx tkun milquta);

(f) il-valur u l-vulnerabilità taż-żona li x'aktarx tkun milquta minħabba:

(i) fil-karatteristiċi naturali speċjali jew wirt kulturali;

(ii) fl-i*standards* ta' kwalità ambjentali li jkunu maqbuża jew valuri tal-limiti; u

(iii) fl-użu intensiv tal-art; u

(g) l-effetti fuq żoni jew *landscapes* li għandhom status ta' protezzjoni rikonoxxuta b'mod nazzjonali, tal-Komunità jew internazzjonali.